MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 1548/2001/1

**David Gatt**

**v.**

**Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Prim Ministru u mill-Kummissarju tal-Pulizija, minn zewg sentenzi moghtija

mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, u precisament mis-sentenza *in parte* tat-30 ta’ Jannar 2004 u minn dik finali tas-27 ta’ April 2009. Dana l-appell hu identiku ghal dak intavolat fil-Qorti ta’ l-Appell mill-istess zewg sentenzi u mill-istess appellanti.

**2.** Galadarba l-vertenza bejn il-kontendenti giet deciza bis-sentenza moghtija llum stess mill-Qorti tal-Appell – wara li dik il-Qorti ddecidiet, korrettement, li l-kwistjoni kienet wahda ta’ indoli civili (*judicial review* skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12) u mhux ta’ drittijiet fondamentali – ara a propositu u in partikolari l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ Appell fil-parti intestata “Il-validita` ta’ dan l-appell” – din il-Qorti f’dana l-appell migjub quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ma ghandha xejn aktar x’taghmel hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell.

**3.** Ghal dawn il-motivi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dana l-appell. L-ispejjez jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------